## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 317/2021: **JOSEPH ATTARD (KI. 191972M) V. PKR'S CONSTRUCTION CO. LTD (C62237)**

(AMMONT DOVUT – KAPITOLU GHAS-SUBIZZJONI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**24 ta' Ottubru 2022**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Joseph Attard ("ir-rikorrent") ippreżentat fil-15 ta' Novembru 2021[1] li permezz tiegħu talab lil PKR's Construction Co. Ltd ("l-intimata" jew "il-kumpanija intimat") tgħid 'l għaliex m'għandhiex tiġi kkundannata:

Thallas lill-Attur is-somma ta' tmient elef mitejn u tmienja u għoxrin euro u sitta u tmenin ċenteżmi (€8,228.86) liema ammont jirrapreżenta ħlas żejjed magħmul lilek mill-Attur inkonnessjoni ma' appalt ta' xogħolijiet li saru minnek fil-fond *plot* № 8 fi Triq ta' Għasfura, Ħaż-Żebbuġ proprjetà tal-Attur u li jinsab adjaċenti mar-residenza tal-istess Attur.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-Ittra Uffiċjali *ai termini* tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta datata 12 ta' Ottubru 2021 (Ittra Uffiċjali Numru 2128/2021) kif ukoll tal-Mandat ta' Qbid ippreżentat kontestwalment mal-imsemmija ittra uffiċjali (Mandat Numru 2062/2021) u bl-imgħaxijiet legali kontra s-Soċjetà Konvenuta mid-data tal-imsemmija Ittra Uffiċjali sad-data tal-pagament effettiv, liema Soċjetà Konvenuta hija minn issa stess inġunta in subizzjoni.

wara li rat li bl-Ordni tagħha tal-1 ta' Diċembru 2021[2] maħruġa skond l-Art. 173(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti *inter alia* ordnat lill-intimata sabiex tippreżenta r-

[1] Fol 1
[2] Fol 3-4

risposta tagħha u jekk ikun il-każ, kontrotalba, fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika lilhom tar-rikors u tal-Ordni,

wara li rat li l-intimata ġiet notifikata bir-rikors promotur u bl-Ordni msemmija fit-30 ta' Diċembru 2021[3],

wara li rat illi l-intimata baqgħet ma' daħħlet l-ebda risposta fit-terminu prefiss lilha,

wara li rat li bl-Ordni tagħha tal-10 ta' Marzu 2022 il-Qorti appuntat il-kawża għas-smiegħ għal 21 ta' Marzu 2022[4],

wara li rat li l-partijiet kollha ġew notifikati bl-avviżi tas-smiegħ,

wara li rat illi l-intimata naqset milli tidher għas-seduti kollha inkluża dik tat-13 ta' Ġunju 2022[5],

wara li rat li f'dik is-seduta ġie ppreżentat kapitolu għas-subizzjoni tal-intimata[6],

wara li rat illi l-intimata għal darb' oħra naqset milli tidher fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2022[7],

wara li rat id-dokumenti kollha l-oħra esebiti fil-kawża,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Ir-rikorrent qed jitlob mill-kumpanija intimata r-rifużjoni tal-ħlas żejjed magħmul lilha minnu fl-ammont ta' €8,228.86 in konnessjoni ma' appalt ta' xogħolijiet li saru mill-intimata fil-fond *plot* numru 8, Triq ta' Għasfura, Żebbuġ, proprjeta' tar-rikorrent stess. Intalbu ukoll l-ispejjeż inklużi dawk ta' ittra uffiċjali u mandat ta' qbid u intalbu l-imgħaxijiet legali b'effett mid-data tal-ittra uffiċjali msemmija. Inoltre l-intimata ġiet inġunta in subizzjoni.

2. L-intimata notifikati skond il-liġi baqgħet ma' daħħlet l-ebda risposta u naqset milli tidher għas-seduti inkluż dik tat-13 ta' Ġunju 2022[8].

---

[3] Fol 5 wara
[4] Fol 8
[5] Fol 72
[6] Fol 87
[7] Fol 89
[8] Fol 72

3. Kien għalhekk li fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2022 ir-rikorrent ġie awtorizzat mill-Qorti sabiex jippreżenta kapitolu għas-subizzjoni tal-intimata[9]. Fil-kapitolu, ir-rikorrent talab lill-intimata '*tipprova bil-ġurament li hija debitriċi tar-rikorrent fis-somma u għar-raġunijiet indikati fir-rikors*'. Il-kawża imbagħad tħalliet għas-subizzjoni tal-intimata għas-27 ta' Ġunju 2022 u sussegwentement għall-24 ta' Ottubru 2022.

4. L-intimata għal darb' oħra naqset milli tidher fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2022 u dan sabiex twieġeb għad-domanda tar-rikorrent.

**Il-liġi u l-każistika kif applikabbli għall-intimata f'din il-kawża**

5. L-Artikolu 171(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jitratta t-"*tmexxija fil-Qrati Inferjuri*" jipprovdi testwalment kif ġej:

> «171 (2). *Il-kawża għandha titmexxa sommarjament skont l-artikolu 215.* »

6. L-Artikolu 215 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta imbagħad jipprovdi b'riferenza għall-Qrati Inferjuri illi:

> « 215. *Il-qrati msemmijin fl-artikolu 213 għandhom imexxu sommarjament bl-akbar ħeffa li tkun kompatibbli mal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, u għandhom iħarsu id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu joqogħdu mal-mod li bih għandu jitmexxa fil-qrati hawn fuq imsemmija bħal ma jingħad hawn fuq.* »

7. L-Artikolu 702(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi kif ġej:

> « 702 (1). *Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha inferjuri, it-talba mill-attur għas-subizzjoni tal-konvenut issir fl-avviż imsemmi fl-artikolu 171.* »

8. L-Artikolu 699 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta però jipprovdi ukoll illi:

> « *699 (1). Fil-qrati kollha ta' kompetenza ċivili, il-kapitoli jsiru bil-miktub. Il-kapitoli għandhom jiġu approvati mill-qorti.*

---

[9] Fol 87

> *(2) Il-kapitoli għandhom jiġu ppreżentati lill-qorti waqt is-smigħ tal-kawża għalbiex jiġu approvati*»

9. L-Artikolu 713 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid illi:

> « 713. *Il-prova bil-mezz tas-subizzjoni tista' f'kull każ issir sew qabel kemm wara li jinġiebu provi oħra, sew fil-qorti tal-ewwel grad kemm fil-qorti fi grad ta' appell.* »

10. It-talba għas-subizzjoni tal-intimata saret mir-rikorrent kemm fir-rikors promotur u kif ukoll fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2022.

11. Issa skond l-Artikolu 702(3)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta *inter alia*, jekk il-parti, msejjħa għas-subizzjoni, ma tidhirx fil-jum mogħti għas-smigħ tal-kawża u l-pretenzjoni miġjuba quddiem il-Qorti tkun ta' aktar minn ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€ 582.34), kif inhu l-każ f'din il-kawża:

> « 702 (3)(b) ... *il-Qorti għandha tħalli l-kawża għal darb'oħra … u l-kapitoli kif ikunu ġew imniżżlin mill-qorti jitqiesu mistqarra kemm-il darba l-parti li tagħha tintalab is-subizzjoni, mingħajr ma tinġieb raġuni tajba għal dak in-nuqqas, terġa' tonqos li tidher fil-jum li għalih il-qorti tkun ħalliet il-kawża kif intqal.* »

12. Kif ingħad iżjed 'l fuq, wara li ġie ppreżentat il-kapitolu għas-subizzjoni tal-intimata fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2022, din il-Qorti ħalliet il-kawża għas-seduta tas-27 ta' Ġunju 2022 u sussegwentement għall-24 ta' Ottubru 2022 sabiex l-intimata twieġeb għad-domanda tar-rikorrent.

13. Meta fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2022 l-intimata naqset għal darb' oħra milli tidher sabiex twieġeb għad-domanda tar-rikorrent hija effettivament ammettiet illi hija debitriċi tar-rikorrent fis-somma u għar-raġunijiet indikati fir-rikors.

14. Fil-kawża **<u>Anthony Borg v. Samwel Veneziani</u>** (Qorti tal-Appell Ċivili, 181/97/01JSP deċiża fit-28 ta' April 1998) il-Qorti tal-Appell qalet illi

> « *din ic-ċirkustanza hi ħafna rilevanti għaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont reklamat mill-attur kien dovut lilu għal raġunijiet minnu pretiżi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non-kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut.* »

**Provi**

15. Fil-21 ta' Marzu 2022 ġie ppreżentant affidavit dettaljat tar-rikorrent **Joseph Attard**, flimkien ma' numru ta' dokumenti.[10] Fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2022 xehdu ukoll il-**Perit George Farrugia**, **Winston Muscat** u reġa xehed ir-rikorrrent **Joseph Attard.** Effettivament mill-assjem tax-xhieda flimkien mal-konfessjoni preżunta tal-intimata, it-talbiet rikorrenti ġew ippruvati fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet.

**Kunsiderazzjonijiet**

16. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza **Noel Sultana v. Tony Xerri** (App. Nru. 7/2009/1 PS – 07.07.2010):

> « *… huwa dejjem ta' rilevanza li jigi denotat f'kazijiet ta' din ix-xorta illi l-apprezzament tal-pertinenza u ta' l-influwenza tal-kapitoli tikkostitwixxi valutazzjoni ta' natura diskrezzjonali rizervata lill-gudikant fil-mertu… ghalkemm in-nuqqas ta' twegiba ghal kapitolu taghmel prova posittiva jew argoment indizzjarju ta' prova, il-valur ta' din l-istess prova seta' dejjem jigi mwarrab jekk, fuq l-apprezzament prudenzjali, jinstab li l-oggett tat-talba mhux sufficjentement suffragat minn elementi ohra ta' prova akkwiziti mill-process.* »

17. Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) qalet ukoll fis-sentenza **James Trapani v. Vincent Cilia** (28.04.2000) illi:

> « *ghalkemm il-kapitoli jitqiesu konfessati pero dan ma jfisserx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga prodotta quddiem il-Qorti.* »

18. Il-Qorti hija sodisfatta għalhekk li l-intimata hija tabilħaqq debitriċi tar-rikorrent fl-ammont indikat fir-rikors promotur.

**Deċiżjoni**

19. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif ġej:**

---

[10] Fol 10-61

1. **Tiddikjara li l-intimata hija debitriċi tar-rikorrent fis-somma ta' tmien t'elef mitejn tmienja u għoxrin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€ 8,228.86) rappreżentanti ħlas żejjed magħmul lilha mir-rikorrent in konnessjoni ma' appalt ta' xogħolijiet li twettqu mill-intimata fil-fond plot numru 8, Triq ta' Għasfura, Żebbuġ.**

2. **Tikkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrent dan l-ammont flimkien mal-imgħax legali fuq l-ammont dekoribbli mid-data tal-ittra uffiċjali tat-12 ta' Ottubru 2021 sad-data tal-effettiv pagament bir-rata ta' 8% fis-sena.**

3. **Fir-rigward tal-ispejjeż kif mitluba dawn jkunu a karigu tal-intimata.**

V.G. Axiak
Maġistrat

Y.M. Pace
Dep. Reġistratur